MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1229/2002/1

**Doreen Vella**

**vs**

**Leslie Vella**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-ammont ta‘ mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) rapprezentanti arretrati ta’ manteniment ghat-tifla minuri tal-partijiet, skond kuntratt ta’ separazzjoni personali ppublikat minn Nutar Patricia Vella Haber fil-15 ta’ Jannar 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi hu m'ghadux jaghti s-somma reklamata mill-attrici in linea ta' alimenti.

Illi in effetti kif jirrizulta mill-Dokument anness mal-avviz tat-talba Dok A ir-rikorrenti qabdet u hadet is-somma ta' tlett elef, mitjen u ghaxar liri Maltin (Lm3,210) liema somma kienet tappartjeni l-kommunjoni tal-akkwisti u konsegwentement nofs l-ammont kien tal-esponent.

Illi ghalhekk jidher car li l-alimenti jridu jinqatghu minn dan l-ammont.

Sema' l-attrici w ezamina d-dokumenti wara li l-konvenut naqas li jipproduci x-xhieda tieghu.

Ikkonsidra

Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' firda personali datat 15 ta' Jannar, 2002, il-konvenut obbliga ruhu li jivversa manteniment lit-tifla minuri fl-ammont ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) settimanali ghat-tifla komuni Shania meta jkollu introjtu jew isib impjieg. Ma nghatat l-ebda eccezzjoni f' dan is-sens mill-konvenut, u t-Tribunal jifhimha li effettivament huwa ghandhu impjieg/introjtu. Jifhem ukoll li l-attrici ghalhekk ipprocediet gjudizzjarjament.

Il-fatt tal-allegat tehid ta' flus tal-komunjoni tal-akkwisti ma jagevolawx lil-konvenut - kellu jiehu passi diversi mhux jichad lil bintu minn dak dovut lilha.

It-Tribunal, fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes.

---------------------------------TMIEM---------------------------------